MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 19/2004

**Joseph u Miriam konjugi Micallef**

**vs.**

**Bay Street Holdings Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi s-socjeta' konvenuta ntavolat proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra Electelle House Limited u premess illi permezz ta' sentenza tal-11 ta' Gunju 2003 is-socjeta' Electelle House Limited giet ikkundannata minn din l-Onorabbli Qorti thallas is-socjeta'

konvenuta s-somma ta’ Lm15,118.78 oltre imghax u spejjez kif mitluba;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta talbet il-hrug ta’ mandat ta’ qbid kontra s-socjeta’ Electelle House Limited, liema mandat igib in-numru 1078/03;

Premess illi l-post tal-esekuzzjoni gie ndikat bhala Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin, u cioe’ fir-*registered address* tas-socjeta’ Electelle House Limited,

Premess illi r- *registered address* Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin, huwa propjeta’ assoluta tal-atturi Joseph u Miriam konjugi Micallef kif ukoll ir-residenza ordinarja taghhom;

Premess ukoll illi ghalkemm Electelle House Limited ghandha r-*registered office* kif indikat, hija qatt ma operat minn gewwa Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin izda mill-kumpless ta’ Bay Street, f’San Giljan, li kien mikri minghand is-socjeta’ konvenuta;

Premess illi Electelle House Limited kienet gestita minn bint l-atturi Lorna Micallef li wkoll hija ordinarjament residenti fl-istess fond;

Premess illi s-socjeta’ Electelle House Limited intavolat rikors fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid Nru. 1087/03 li permezz tieghu talbet ir-revoka *contrario imperio* tal-istess mandat, liema talba giet, permezz ta’ digriet tad-29 ta’ Settembru 2003, michuda, u dan in vista tal-fatt illi sa dak iz-zmien il-mandat kien ghadu ma giex esegwit u allura l-ebda drittijiet ta’ terzi, u cioe’ tal-atturi ma kienu ghadhom gew lezi;

Premess illi fl-eventwalita’ li l-mandat ta’ qbid bin-numru 1078/03 jibqa’ in vigore dan ser jikkaguna pregudizzju lill-konjugi Micallef li ma ghandhom l-ebda relazzjoni mas-socjeta’ Electelle House Limited u peress illi fil-fond ma hemm xejn li jappartjeni lill-istess socjeta’;

Premess illi tali mandat huwa ghal kollox vessatorju fil-konfront tal-atturi stante illi s-socjeta’ konvenuta hija ben

edotta bil-fatt illi fil-fond formanti parti mill-kumpless ta' Bay Street li kien mikri lis-socjeta' Electelle House Limited ghad hemm assi ta' valur sostanzjali li fuqhom is-socjeta' konvenuta ghadha tista' tesegwixxi l-kreditu taghha;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-mobbli u l-effetti kollha li jinsabu fil-fond Solitaire, fi Triq il-Hwawar, l-Iklin, huma lkoll propjeta' tal-atturi jew min minnhom u xejn minn dawn il-mobbli u effetti ma jappartjenu lis-socjeta' Electelle House Limited;

2. Sussegwentement jigi dikjarat u deciz illi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex il-mandat ta' qbid bin-numru 1078/83 ghandu jibqa' fis-sehh stante illi ma hemm xejn appartenenti lis-socjeta' Electelle House Limited li jinstab fil-post tal-esekuzzjoni ndikat mis-socjeta' konvenuta;

3. Tordna r-revoka tal-mandat ezekuttiv ta' qbid bin-numru 1078/03;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici Miriam Micallef a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 19 tal-process fejn eccepiet:

(1) Illi preliminarjament, l-irritwalita' tad-dikjarazzjoni fl-atti tac-citazzjoni *de quo* stante illi filwaqt li l-atturi huma tnejn, u cioe' Joseph u Miriam konjugi Micallef, ciononostante d-dikjarazzjoni prezentata giet indikata bhala "Dikjarazzjoni tal-attrici Miriam Micallef'' biss;

(2) Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fid-dikjarazzjoni guramentata min halef dwar il-fatti, u cioe' Miriam Micallef ma ddikjaratx liema

mill-fatti mahlufa tafhom di scentia propia, skond kif jitlob l-Art 156(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu fl-ewwel lok jippruvaw illi l-mobbli u l-effetti kollha li jinsabu fil-fond ‘’Solitaire’’, fi Triq il-Hwawar, Iklin, liema ndirizz per altro huwa l-indirizz registrat tas-socjeta’ Electelle House Limited, jappartjenu lilhom kif allegat minnhom stess;

(4) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f’dak li jirrigwarda l-hames premessa, l-argument illi s-socjeta’ Electelle House Limited, qatt ma operat minn gewwa l-fond allegatament appartjenenti lill-atturi, u cioe’ ‘’Solitaire’’, fi Triq il-Hwawar, Iklin, huma ghal kollox irrilevanti ghall-kaz odjern stante illi l-imsemmi ndirizz huwa r-*registered office* tas-socjeta’ msemmija b’dan illi l-ezekuzzjoni giet effettwata hemm hekk kif tirrikjedi l-ligi;

(5) Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti allegati mill-atturi fit-tmien premessa tac-citazzjoni odjerna, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi effettivament tezisti relazzjoni bejn l-atturi minn naha l-wahda u s-socjeta’ Electelle House Limited min-naha l-ohra. Fil-fatt, l-indirizz registrat tas-socjeta’ Electelle House Limited huwa propju l-istess bhal dak indikat mill-atturi bhala l-indirizz ta’ residenza taghhom, u allegatament appartjenenti lilhom;

(6) Illi di piu’ u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti allegati mill-atturi fid-disa’ premessa tac-citazzjoni odjerna huma frivoli u vessatorji stante illi fl-ewwel lok huma ghal kollox inveritjieri, fit-tieni lok huma rrelevanti ghall-kawza odjerna, u fit-tielet lok, hija d-diskrezzjoni assoluta tal-kredituri li jaghzel kif u fejn irid jesegwixxi l-kreditu tieghu;

(7) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f’dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-proceduri odjerni, jigi sottomess illi dawn ghandhom jigu sapportati intjerament mill-atturi stante illi s-socjeta’ konvenuta dejjem agixxiet skond il-ligi b’dan illi ezegwiet is-sentenza fejn giet kanonizzata

kreditrici tas-socjeta’ Electelle House Limited fl-indirizz registrat tal-imsemmija kumpanija kif hawn fuq premess, u jekk l-atturi riedu jissalvagwardjaw l-interessi taghhom, kellhom kull opportunita’ illi jaghmlu dan qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna u sahansitra qabel ma’ giet esegwita s-sentenza kontra Electelle House Limited. Fil-fatt, kif jista’ jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza, l-atturi kienu ben konsapevoli li s-socjeta’ Electelle House Limited kellha problemi serji finanzjarji, u ghaldaqstant, stante illi kienu konsapevoli wkoll illi l-indirizz registrat tal-kumpanija kien ‘’Solitaire’’, Triq il-Hwawar, Iklin, imisshom hadu l-passi opportuni fil-hin opportun sabiex ibiddlu l-indirizz indikat sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom, jekk *dato ma non concesso*, effettivament l-imsemmi fond kienet tappartjeni lilhom;

(8) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, b-ispejjez kontra l-istess atturi;

(9) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta Bay Street Holdings Limited a fol. 21 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavits kollha pprezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta’ sottomissjonjiet;

**IL-FATTI**

Illi s-socjeta` konvenuta Bay Street Holdings Limited ghandha kreditu kanonizzat b’sentenza fil-konfront tas-socjeta` Electelle House Limited. Dina s-socjeta’ debitrici kienet gestita unikament minn Lorna Micallef, bint l-atturi, li mhiex parti f’dina l-kawza, imma biss xhud. Is-socjeta` konvenuta ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv fil-konfront ta' l-istess socjeta`, mandat numru 1078/03. Il-post ghall-ezekuzzjoni ta’ l-istess mandat gie indikat bhala

Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin, liema fond irrizulta li huwa r-residenza ordinarja ta' l-atturi imma ukoll ir-*registered office* tas-socjeta` debitrici.

L-atturi qed jallegaw illi l-oggetti effettivament maqbuda permezz tal-mandat a fol. 7 u 8 tal-process, jappartjenu lilhom personalment u mhux lis-socjeta` Electelle House Limited.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuti qed jeccepixxu preliminarjament illi d-dikjarazzjani tal-fatti da parti ta' l-attrici saret biss mill-attrici Miriam Micallef u mhux ukoll mill-attur Joseph Micallef.

Il-Qorti tirrileva illi l-ligi *in vigore* meta giet prezentata c-citazzjoni kienet tippermetti illi meta jkun hemm diversi atturi, wiehed minnhom biss jista' jiddikjara l-fatti li wasslu ghall-kawza u ghalhekk dina l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija nfondata u qed tigi respinta.

Il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll illi l-attrici ma ddikjaratx liema mill-fatti mahlufa hija kienet taf bihom *di scientia propria*.

Il-Qorti tirrileva illi huwa rikjest mil-ligi illi l-attur jiddikjara liema mill-fatti illi jiddikjara, jafhom huwa *di scientia propria*. Ghaldaqstant l-attrici, fil-kaz odjern, kellha, skond il-ligi, taghmel din id-dikjarazzjoni. Izda din il-Qorti hija tal-fehma, u dana huwa in linea mal-gurisprudenza taghna, illi tali nuqqas da parti ta l-attrici ma jgibx in-nullita` tac-citazzjoni stante illi l-istess nuqqas mhux daqshekk gravi u lanqas ma jippregudika d-drittijiet ghad-difiza tal-konvenuti. Dan jinghad ukoll in vista tal-fatt illi s-socjeta` konvenuta m'eccepietx in-nullita' tac-citazzjoni izda sempliciment gabet dan in-nuqqas a konjizzjoni ta' dina l-Qorti.

**Mertu**

L-atturi qed jikkontendu illi l-oggetti effettivament maqbuda permezz tal-mandat 1078/03 jappartjenu lilhom personalment u mhux lis-socjeta` Electelle House Limited. Din hija prova li trid issir mill-atturi

Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-effetti mobbli maqbuda mill-fond Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin jappartjenu lill-konjugi Micallef u ma jappartjenux lis-socjeta` Electelle House Limited. Din is-socjeta` giet formata fis-sena 2001 mentri l-atturi kien ilhom ghal snin fil-fond imsemmi u tal-effetti mobbli li jinsabu gewwa fih, fosthom dawk maqbuda in ezekuzzjoni tal-mandat citat. Il-mobbli u l-effetti kienu ngabu mid-dar ta’ Hal Ghaxaq ghal Iklin. Jirrizulta wkoll pero’ illi l-istess fond gie ndikat bhala l-indirizz registrat tas-socjeta` Electelle House Limited, ghall-konvenjenza, stante illi l-istess socjeta` kienet originarjament sprovvista minn indirizz iehor.

Il-konjugi Micallef m’ghandhomx x’jaqsmu mas-socjeta’ debitrici. Il-mandati ezekuttivi ghandhom jigu ezegwiti biss fuq il-hwejjeg tad-debitur, f'dan il-kaz is-socjeta` Electelle House Limited u mhux fuq proprjeta’ ta’ l-atturi. Ghalhekk ladarba l-mandat in kwistjoni gie ezegwit fuq oggetti appartenenti lill-atturi, din l-ezekuzzjoni hija hazina.

Kull kreditur ghandu dritt li jipprova jaqbad hwejjeg tad-debitur, biex jissodisfa l-kreditu tieghu, liema qbid jista’ jsir fil-post fejn jinsabu dawn il-hwejjeg jew almenu fejn wiehed jista’ ragjonevolment jahseb li jistghu jinstabu.

L-ufficcju registrat tas-socjeta` debitrici Electelle House Limited gie indikat bhala Solitaire, Triq il-Hwawar, Iklin. Ghalekk kien ragjonevoli min-naha tas-socjeta` konvenuta illi tahseb illi fl-indirizz registrat tas-socjeta` debitrici seta’ kien hemm oggetti propjeta` ta’ l-istess socjeta’ debitrici. Il-konvenuti ma setghux jkunu jafu li s-socjeta` debitrici kienet tiggestixxi n-negozju taghha minn gewwa Baystreet biss. Is-socjeta` konvenuta gie zvijata meta gie dikjarat mid-debtrici illi l-indirizz registrat taghha kien gewwa l-Iklin. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk kienet gustifikata illi

tipprova taqbad effetti mill-indirizz ta’ l-Iklin sabiex tissodisfa l-kreditu taghha.

Mhuwiex verosimili min-naha l-ohra  dak illi jghidu l-atturi illi huma ma kinux jafu li l-indirizz registrat tal-kumpanija Electelle House Limited kien dak tar-residenza taghhom u dana meta l-istess attur kien ukoll azzjonista u segretarju tal-istess socjeta`. Konsegwentement l-attur bilfors kellu jiffirma diversi dokumenti tal-istess socjeta` fosthom, ta’ l-inqas, il-*memorandum and articles* tal-istess socjeta` meta din giet inkorporata. Dana qieghed jinghad partikolarment in vista tad-decizjoni tal-Qorti rigward il-kap ta’ l-ispejjez.

Din il-Qorti tirrileva illi nonostante illi l-oggetti maqbuda jappartjenu lill-atturi, dana ma jiggustifikax it-talba attrici illi l-mandat ezekuttiv jigi **revokat**. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-atturi illi "m’hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex il-mandat ta’ qbid ghandu jibqa’ fis-sehh”. Jirrizulta li hemm raguni validia fil-ligi biex l-istess mandat  jibqa' fis-sehh u dan in vista tal-kreditu kanonizzat favur is-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti hi tal-fehma illi filwaqt illi **l-ezekuzzjoni precedenti tal-mandat ghandha tigi revokata, l-mandat li fih innifsu m’huwiex null,  u ghandu jibqa’ fis-sehh,** b’dan illi ghandha ssir ezekuzzjoni mill-gdid tieghu, ezekuzzjoni illi ma tippregudikax id-drittijiet tal-atturi li huma ghal kollox distinti mis-socjeta` Electelle House Limited. Konsegwentment l-oggetti gia maqbuda bil-mandat imsemmi m’ghandhomx jaghmlu tajjeb ghal-kreditu in kwistjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddeciedi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi l-mobbli u l-effetti  maqbuda mill-fond Solitaire, fi Triq il-Hwawar, l-Iklin huma  propjeta` tal-atturi u xejn minn dawn il-mobbli u effetti ma jappartjenu lis-socjeta` Electelle House Limited.

2. Tichad it-tieni talba attrici b'dan illi l-mandat ta' qbid 1078/03 ghandu jibqa' fis-sehh, izda ghandha ssir ezekuzzjoni mill-gdid ta' l-istess mandat.

3. Tichad it-tielet talba attrici billi ma tirrevokax il-mandat ta' qbid 1078/03 innifsu izda tirrevoka l-ezekuzzjoni precedenti tal-istess mandat, b'dan illi l-oggetti gia maqbuda in ezekuzzjoni tal-mandat 1078/03 m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-kreditu in kwistjoni bejn is-socjeta` konvenuta.

4. Dwar l-ispejjez, il-Qorti qieghda tilqa` s-seba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tiddikjara illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------